

Il-Ħamis, 7 ta' Mejju 2009

**Ftehim bilaterali bejn Stati Membri u pajjiżi terzi dwar kwistjonijiet settorjali u li jkoprū l-liġi applikabbli fl-obbligli kuntrattwali u nonkuntrattwali \*\*\*I**

P6\_TA(2009)0380

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Mejju 2009 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi proċedura għan-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehim bilaterali bejn Stati Membri u pajjiżi terzi dwar kwistjonijiet settorjali u li jkoprū l-liġi applikabbli fl-obbligli kuntrattwali u nonkuntrattwali (COM(2008)0893 – C6-0001/2009 – 2008/0259(COD))

(2010/C 212 E/55)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2008)0893),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikoli 61(c), 65 u 67(5) tat-Trattat KE, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0001/2009),
  - wara li kkunsidra r-Regola 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Legali u l-opinjoni tal- Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (A6-0270/2009),
1. Japrova l-proposta tal-Kummissjoni kif emedata;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

**P6\_TC1-COD(2008)0259**

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-7 ta' Mejju 2009 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (KE) .../2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi proċedura għan-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehimiet bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi dwar materji partikolari li jikkonċernaw il-liġi applikabbli għall-obbligli kuntrattwali u mhux kuntrattwali

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (KE) Nru 662/2009.)

---